MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 473/2003

Portelli & Pisani Limited

vs

Manuel u Maureen konjugi Balzan u George Apap

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici ippremettiet illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici fis-somma ta' sebat elef u sitta u sittin lira Maltin (Lm7,066) bilanc minn somma akbar rappresentanti din is-somma prezz ta' merkanzija mibjugha mis-socjeta' attrici lill-konvenuti f'Malta.

Ippremettiet illi d-debitu huwa cert, likwidu u dovut.

Ippremettiet illi l-konvenuti m'ghandhom eccezzjonijiet x'jaghtu in kontro-trattazzjoni tat-talbiet attrici u ghalhekk

jippersistu c-cirkostanzi kontemplati fl-atrtikolu 167-170 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.
Talbu ghalhekk biex l-konvenuti ighidu ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :
1) Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
2) Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' sebat elef u sitta u sittin lira Maltin (Lm7,066).

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandati kawtelatorji numri, l-imghax u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tas-socjeta` attrici li biha rriduciet it-talba b' Lm3,000 stante pagament akkont fil-mori tal-kawza;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba ridotta tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici limitatament ghas-somma ta' LM4,066 u bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez kontra l-konvenut/a/socjeta` konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------